MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2012

Appell Kriminali Numru. 415/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joanne Darmanin**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli meta b’diversi atti maghmulin minnha, wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, nhar is-6 ta’ Mejju 2010, u nhar id-9 ta’ Mejju 2010 meta hekk ordnata mill-Qorti jew marbuta bil-kuntratt biex taghti access lil Carmel Darmnin ghal uliedhom, irrifjutat li taghmel hekk minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Settembru, 2010, li biha, wara li rat l-artikolu 338(II), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellanti hatja w ghaldaqstant

illiberataha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) xhur ai terminu tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.
Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellanti.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fis-7 ta' Ottubru, 2010, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellata w tillibera lill-appellanti minn kull htija w piena, jew fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju tvarja s-sentenza appellata billi tirreduci l-piena nflitta mill-Qorti tal-Magistrati tas-27 ta' Settembru 2010 u dan tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-appellanti tissottometti li s-sentenza appellata hija nulla w dan ghar-raguni, li kif jirrizulta mill-komparixxi, li qeghda tigi annessa, s-sentenza tghid biss is-segwenti kelmiet cioe` "Art 22 Kap 446 3 xhur". Illi di fatti l-appellanti nghatat biss fotokopja tal-komparixxi u fuq din il-kopja ma hemm l-ebda dikjarazzjoni ta' htija o meno tal-imputata u lanqas ma huma ndikati l-artikoli tal-ligi li tahtom kienet instabet hatja l-appellanti. Illi mhuwiex car kif il-Qorti waslet ghal konkluzjoni taghha, u dan ghaliex hija baqghet ma nghatatx kopja tas-sentenza motivata. Illi skond il-gurisprudenza nostrana, n-nuqqas li jigu rispettati strettament ir-rekwiziti stabbiliti fl-artikolu 382 tal-Kap. 9 jimporta n-nullita` tas-sentenza appellata, u dan minhabba lid an in-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali ai termini tal-artikolu 428(3) tal-Kap. 9
Illi l-appellanti tirrileva illi wkoll sabiex jigi determinat jekk sentenza hija nulla jew le, wiehed irid ihares lejn il-forma taghha a tempo vergine.

Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellanti ma kinetx marbuta li taghti access nhar it-13 ta'

Mejju, 2010, liema gurnata kienet il-Hamis u ghaldaqstant l-appellanti hija ta' l-umli fehma li ma setghatx tinstab hatja ta' din l-imputazzjoni kif dedotta kontriha.

Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellanti tirrileva li l-Ewwel Qorti ma setghatx tasal ghall-sejbien ta' htija fuq il-provi li kellha. Illi l-appellanti thoss illi jekk xi hadd igib bi prova in difeza li kien hemm raguni valida biex tiggustifika n-nuqqas taghha, w dan kif ser jintwera fl-izvolgiment ta' dan ir-rikors, hi ma tistax tinstab hatja tar-reat kontemplat fl-artikolu 338(II) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalkemm huwa minnu li l-punt suespost, jirrikjedi li din il-Qorti tidhol fil-mertu tal-ezami tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti, ezercizzju li din il-Qorti dejjem tipprova tevita, w dan peress illi din il-Qorti, kif stabbilit fil-gurisprudenza taghna, ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi, f'dan il-kaz l-appellanta hija ta' l-umli fehma li t-talba taghha hija wahda gustifikata, dan peress illi hija thoss li ma kienx sar ezami korrett tal-provi prodotti.

Illi di fatti, mhux l-ewwel darba li din il-Qorti ghazlet li tmur kontra dan il-principju, u terga` tisma` l-provi hija stess, u dana peress illi tara li d-decizjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti ma tkunx wahda ragonevoli u legittima fid-dawl tal-provi kollha prodotti.

Illi rrizulta mix-xhieda tal-appellanta illi kienu inqalghu incidenti ta' vjolenza fil-konfront ta' uliedha w ghalhekk it-tfal ma riedux imorru ma missierhom propju minhabba li jibzghu minnu. Illi l-appellanti ivventilat dan kollu fl-udjenza quddiem l-Ewwel Qorti, fejn irrizulta li hija kienet fil-fatt ipprezentat ghadd ta' rikorsi sabiex l-access jigi sospiz u sabiex ikun hemm l-intervent ta' l-Agenzija Appogg, sa minn Marzu ta' din is-sena. Illi rrizulta wkoll mix-xhieda prodotta illi tul it-tlett snin li ghaddew, it-tfal dejjem marru ghall-access ma' missierhom kif gie ordnat, pero` aktar kmieni din is-sena bdew jinqalghu incidenti ta' vjolenza fil-konfront tat-tfal u ghalhekk, l-appellanti ghamlet li setghet sabiex l-access jigi sospiz sa kemm

tkun certa illi uliedha ma kienux ser jghaddu mill-vjolenza illi rat hi minghand zewgha. Illi di fatti mix-xhieda jirrizulta li kien sar rapport mill-Agenzija Appogg li gie pprezentat fis-17 ta' Awwissu ta' din is-sena fl-Atti tar-Rikors Generali 41/10 AF, li jikkonferma illi fil-verita` kien hemm incidenti ta' vjolenza fil-konfront tal-minuri da parti tal-missier, u li l-minuri, specjalment il-kbar jibzghu minnu u ghalhekk l-istess Agenzija rrakomandat illi l-access ghandu jsehh, pero` taht supervizjoni. Illi mix-xhieda rrizulta li dak li gara kien illi fil-frattemp, l-appellanti illi kienet rat it-tbengil fuq binha, bezghat tibaghat lill-uliedha ghall-access u hasset illi kienet qed taghmel dan ghal raguni valida.

Illi jinghad ukoll illi mix-xhieda prodotti anki mill-prosekuzzjoni jirrizulta li t-tfal il-kbar u cioe` Kyle ta' 11 il-sena u Oran ta' 9 snin nnifishom kienu qed jirrifjutaw li jmorru wahdedhom ma' missierhom ghax jibzghu li jsawwathom. Illi konsegwentement jirrizulta li l-access ma sehhx bhala rizultat tar-rieda espressa tal-istess minuri. Illi jirrizulta wkoll mis-sentenza wkoll mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 30 ta' Novembru 2007 illi l-Qorti kienet ikkonfermat l-ordni tal-Ewwel Qorti li waqt l-access il-minuri m'ghandhomx ikunu esposti ghal "passive smoking" u ghaldaqstant kien hemm raguni valida u l-appellanti ma setghatx tinstab hatja tal-imputazzjonijiet kif dedotti.

Illi minkejja li mill-provi mressqa, b'mod partikolari mix-xhieda tal-appellanti nnifisha kellu jirrizulta bic-car illi kien hemm raguni xierqa ghaliex ma nghatax l-access lil Carmel Darmanin, l-Ewwel Qorti ghazlet li ssib lill-appellanti hatja tal-imputazzjoni kontriha. Illi ghalhekk l-appellanti thossha aggravata kemm bid-decizjoni tal-Ewwel Qorti u dan ghaliex hija ta' l-umli fehma li ma setghatx tinstab hatja ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghha, kieku l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament aktar approfondit u korrett tal-provi kollha li gew prodotti quddiemha.

Illi sussidjarjament, u minghajr pregudizzju ghal dak kollu fuq suespost, l-appellanti tissottometti li f'kaz illi din il-Qorti ma taccettax l-aggravji suriferiti, l-piena li giet applikata fil-

kaz odjern hija wahda eccessiva, w harxa u dan kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kaz. Illi l-appellanti thoss li ghandu jkun hemm temperament fil-piena li tiehu kont tac-cirkostanzi tal-kaz.

Ikkunsidrat.

L-appellanta qieghda tistieden lil din il-Qorti illi taghmel apprezzament approfondit u korrett tal-provi kollha li ngabu quddiem l-ewwel Qorti u tirrevoka u thassar is-Sentenza moghtiha fejn ikkundannata ghal perjodu ta’ xahar prigunerija sospiza ghal sena.

Ghal dawk illi huma fatti ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni, bejn l-appellanta u zewgha Carmel Darmanin hemm proceduri ta’ separazzjoni ghaddejin u din is-separazzjoni tidher li hija wahda kumbattuta mhux hazin. Sfortunatament dahlu t-tfal fin-nofs u jidher illi l-appellanta qieghda tuza t-tfal sabiex twegga’ jew taghmel deni lil parti civile zewgha Carmel Darmanin. Fil-kors ta’ din ir-relazzjoni l-appellanta kienet ghamlet allegazzjoni illi t-tfal kienu qed jigu msawwta minn zewgha. Saru diversi rapporti u anke kawzi l-Qorti li pero’ zewgha kien gie liberat minnhom. Minkejja dan, l-access illi zewgha ghandu ghal uliedu llum huma rsitretti hafna u dejjem taht sorveljanza. Di piu’ fi zmien indikat fic-citazzjoni l-appellanta rrifjutat illi ssegwi l-access kif ordnat mill-Qorti u ghal dan zewgha ghamel diversi rapporti li kollha waslu f’sensiela ta’ kawzi quddiem il-Qorti.

Ikkunsidrat:

Il-gurisprudenza kkwotata mill-appellanta hija korretta u hija prassi normali illi l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha.

Ma tantx hemm wisq x’jinghad ghal dawk illi huma provi. Hemm ix-xhieda ta’ PS 1067 Mario Spiteri u r-rapport illi

huwa hejja fuq l-ilmenti illi ghamel Carmel Darmanin. Minn din ix-xhieda u rapporti jidher car f'liema livelli waqa' l-atrit bejn il-konjugi Darmanin, atrit illi wassal biex jigu affettwati l-minuri u jigi nnegat lilhom l-access ghall-missier li kellu jirrikori ghall-ghaqda volontarja sabiex tissorvelja l-access ghal uliedu.

Jekk l-appellanta dehrilha li kellu jkun hemm varjazzjoni fl-access ta' l-ulied, allura dana l-ewwel kellha titolbu quddiem il-Qorti kompetenti u mhux taqbad u tinnegha di proprio. Veru illi saru rapporti kontra l-missier u dawn wasslu ghall-proceduri kriminali kontra tieghu. Il-Qorti giet infurmata illi dawn il-proceduri gew konkjuzi favur l-istess zewgha fejn gie dikjarat mhux hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu. Ghalhekk wara din id-dikjarazzjoni l-appellanta ma setghetx taqbad u tiehu l-Ligi b'idejjha u tiddeciedi hi fejn u kif ghandu isir access ta' l-ulied barra minn dak stabbilit mill-Qorti. Jekk illum l-access qed ikun sorveljat mill-Agenzija Appogg, dana ma jfissirx illi fi zmien indikat fic-citazzjoni l-appellanta ma naqsitx mill-obbligu taghha illi tibghat it-tfal ghand il-missier u ta' dan l-ewwel Qorti sabitha hatja.

Wara illi ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalmet tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha, illi s-Sentenza hija fil-parametri tal-ligi u ghalhekk mhux il-kaz li s-Sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-mottvi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonfrma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------